**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)**

Illum, 26 ta' Frar 2025

**IL-PULIZIJA**
**(SPETTUR OMAR ZAMMIT)**

**VS**

**XX**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat **XX** ta' 39 sena, iben omissis u omissis, imwieled Macedonia, nhar 31 ta' Diċembru 1985, detentur tal-karta ta' identità Nru omissis u residenti fil-fond omissis u akkużat talli nhar l-24 ta' Frar 2025 għall-ħabta ta' bejn il-17:30hrs u s-19:00hrs ġewwa omissis u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Ikkaguna biża' lil AA (persuna li tiġi minnu biż-żwieġ sat-tielet grad) u lil BB (konjuga attwali) li ser tintuża vjolenza kontra tagħhom jew kontra l-propjetà tagħhom jew kontra l-persuna jew il-propjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet u dan bi ksur ta' artikoli 251(3); 251H; 251HA u 202(h) tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta;

2. Bi ħsieb li jagħmel delitt ċioè mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' AA(persuna li tiġi minnu biż-żwieġ sat-tielet grad) f'periklu ċar, jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' l-istess AA u ċioè feriti ta' natura ħafifa, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni ta' l-istess delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u ndipendenti mill-volontà tiegħu u dan bi ksur ta' artiklu 41(1)(a); 214; 221(1); 221(3); u 202(h) tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta.

U aktar talli nhar 24 ta' Frar 2025 u fil-ġranet, ġimgħat u xhur ta' qabel, f'ħinijiet differenti, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi, u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, f'diversi bnadi ġewwa l-Gżejjer Maltin.

3. Ħebb kontra AA u BB sabiex jinġurjaha, idejjaqha jew jagħmilla ħsara, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispozizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi u dan bi ksur ta' artikolu 18 u 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali tal-Liġijiet ta' Malta.

4. Għamel inġurji u/jew theddid mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali lil AA u BB u dan bi ksur ta' artikoli 18 u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta.

5. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded lil BB li ser jagħmel xi reat u/jew għamel użu mhux xieraq bih u dan bi ksur tal-artikolu 49(a)(ċ) tal-Kap 399 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba toħroġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra XX għall-benefiċċju ta' AA u BB u dan ai termini tal-artikolu 412Ċ tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurtà ta' AA u BB u f'każ ta' ħtija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti kienet mitluba li f'każ ta' ħtija minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-akkużat rreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u fid-dawl ta' din l-ammissjoni il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħata żmien xieraq sabiex, jekk trid, terġa' lura minnha.

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi jirriżulta illi l-akkużat u BB huma miżżewġin u jgħixu flimkien u bejniethom għandhom tifla minuri. F'dawn l-aħħar ġimgħat, omissis, li tiġi omm BB kienet qed tgħix magħhom taħt l-istess saqaf. Dakinhar tal-24 ta' Frar 2025, l-akkużat kellu diverbju ma AA u sussegwentement anke refa' jdejħ fuqha. Sussegwentement, huwa bagħat anke messaġġi ta' theddid lil martu BB permezz tal-mobajl.

Ikkonsidrat;

Illi l-akkużat ammetta l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tagħha, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv

li ssib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti semgħat illi l-akkużat għandu problema akuta ta' logħob u anke ta' abbuż mill-alkoħol. Il-Qorti semgħet illi huwa jixtieq jingħata l-għajnuna meħtieġa sabiex jirranġa ħajtu u jkun jista' jimxi 'l quddiem. Il-Qorti ma tarax li piena karċerarja hija idoneja fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, iżda tqis li l-akkużat għandu jissottometti ruħu għall-istruzzjoni u l-gwida ta' probation officer u anke għal Ordni ta' Trattament sabiex jindirizza b'mod sħiħ id-diffikultajiet li huwa għandu.

**Deċide:**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 31, 41(1)(a), 202(h), 214, 221(1)(3), 251(3), 251H, 251HA, 339(1)(d)(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 49(a)(ċ) tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu, qed issib lil **XX** **<u>ħati</u>** tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u tikkundannah għal multa ta' mija u ħamsin Ewro (€150) kif ukoll, wara li rat l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta qed tpoġġih taħt Ordni ta' Probation għal perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum, bil-kondizzjonijiet elenkati fl-ordni mogħti kontestwalment;

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tordna wkoll il-ħrug ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati għall-perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum u dan taħt it-termini u kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment.

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tagħmel ordni ta' trażżin fil-konfront tal-akkużat a favur ta' AA u BB għall-perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum u dan bil-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet mogħti kontestwalment;

Ai termini tal-Artikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar li huwa jifhem x'inhuma l-effetti tal-Ordni ta' Probation u tad-Digriet mogħti kontestwalment u li jekk jonqos milli jikkonforma ruħu magħha jew jagħmel xi reat ieħor, huwa jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali, ossija r-reati odjerni minbarra l-piena għar-reati kommessi waqt il-perjodu tal-Ordni.

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta' din is-sentenza, lid-Direttur tal-Uffiċju tal-Probation.

Illi finalment, il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni magħmula ai termini tal-Artikolu 532A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta stante li ma ġew ipprovati ebda danni subitii.

**Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**